CCT/94/19/S

Michael Lombardi
Vs
International Trading Co. Ltd

Illum 14 ta' Marzu,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Michael Lombardi ippreżentata fid-6 ta' Awwissu, 2019 u r-risposta tas-soċjeta' Interntional Trading Co. Ltd ippreżentata fit-18 ta' Settembru 2019

Ra d-dokumenti preżentati u sema x-xhieda kif ukoll it-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-13 ta' Frar 2020.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda tiswija ta' *freezer* li skont ir-rikorrenti ma saret qatt b'mod illi iħalli effett pożittiv biex din il-*freezer* tibda' taħdem u fil-fatt wara tali tiswijiet skont l-istess rikorrenti, din baqgħet ma taħdimx.

Illi skont dokument numru tnejn maħruġ taħt *letterhead* tal-International Trading Co. Ltd u datata 18 ta' Frar 2018 li tirrigwarda stima, din kienet tammonta għal €369 li tikkomprendi *heaters* u *sensors* u *labour costs* u *fan*.

Illi hemm qbijl bejn il-partijiet li l-ħsara allegata saret wara li l-perjodu tal-garanzija kien għadda.

Illi l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda il-fatt li għalkemm saru it-tiswijiet suġġeriti da parti tas-soċjeta' intimata, il-freezer baqgħet ma taħdmx kif suppost.

Illi għalkemm fir-risposta tas-soċjeta' intimata jiġi allegat illi ma nżammux flus tat-*technician,* jidher mid-dokument preżentat taħt il-*letterhead* tas-soċjeta' intimata li hemm €120 li huma *labour costs.*

Illi minn naħa l-oħra, il-*parts* li inbiddlu jikkomprendu il-*heaters* u is-*sensors* u il-*fan* u fuq dawn ma hemmx kontestazzjoni fuqhom għax fil-fatt l-istess rikorrenti kien qabel li dawn jinbiddlu fuq suġġeriment tat-*technicians* tas-soċjeta' intimata.

Illi it-Tribunal jirrileva illi gialadarba s-soċjeta' intimata qablet li tagħmel ċertu tiswijiet anki fuq parir tagħha stress, hi assumiet ir-responsabbilta' li gialadarba ħa jsiru tali rakomandazzjonijiet il-*freezer* f'dan il-każ kien sa jaħdem kif suppost.

Illi kif gia inagħad ir-rikorrenti spiċċa ħallas għal *labour costs* meta fir-risposta tas-soċjeta' intimata intqal illi dan ma kellux jidħol fil-kont li ħallas l-istess rikorrenti.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u iċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi jilqa' *in parte* it-talba ta' Michael Lombardi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' International Trading Co. Ltd u jordna lill istess soċjeta' International Tradin Co' Ltd tħallas lil Michael Lombardi s-somma ta' €120 rappreżentanti l-*labour costs* imsemmi f'dokument numru tnejn datat 14 ta' Frar 2018, bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jinqasmu nofs bin-nofs bejn iż-żewġ partijiet.

Richard Sladden Av.
Arbitru